Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 55**

**Data:** Il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2026
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru

**Skużati**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
H.E Clifford Galea Vella – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**55.1 Ittri ta' apoloġiji**

55.1.1 Il-President semma li Dr. Samuel Azzopardi, is-Sur Charles Bonello u H.E Clifford Galea Vella talbu li jkunu skużati.

55.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Kav. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva unanimament li jitniżżlu skużati.

**55.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 53**

55.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

55.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mill-Kav. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**55.3 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 54**

55.3.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

55.3.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Stephen Sultana, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**55.4 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 53**

55.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev. Paul Farrugia u is-Sur Steven Axisa ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu bejn id-29 t' April u l-11 ta' Mejju 2026 li kienet tammonta għal €36,714.38.

**55.5 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 54**

55.5.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev. Paul Farrugia u is-Sur Stephen Sultana ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu bejn it-12 ta' Mejju 2026u l-11 ta' Ġunju 2026 li kienet tammonta għal €165,473.75.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**55.6 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 52**

**55.6.1 TIPS4UA**

Il-President fakkar li, matul ix-xahar ta' Mejju, delegazzjoni Ukrena taħt il-proġett **TIPS4UA** qattgħet madwar ħmistax-il jum f'Malta bħala parti minn programm intensiv ta' skambju ta' esperjenzi u tisħiħ tal-kapaċità fil-qasam tal-gvern lokali. Huwa spjega li matul iż-żjara nġabret informazzjoni estensiva dwar il-prattiki tajbin osservati f'Malta, u ħabbar li fuq il-bażi ta' ta' dan il-proġett ser jitħejja rapport komprensiv li se jiġi ppreżentat ukoll lill-Kummissjoni Ewropea, bil-għan li jikkontribwixxi għax-xogħol tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-rikostruzzjoni u t-tisħiħ tal-governanza lokali fl-Ukrajna.

**55.6.2 ALDA Festival**

Il-President informa lill-membri li l-**ALDA Festival u l-Assemblea Ġenerali**, ospitati mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'Malta, kienu suċċess kemm fuq livell organizzattiv kif ukoll fuq livell ta' parteċipazzjoni internazzjonali. Huwa rringrazzja lil dawk kollha li taw il-kontribut tagħhom sabiex l-avveniment jintlaħaq b'suċċess u spjega li l-ispejjeż kollha relatati mal-organizzazzjoni tal-festival jinsabu inklużi fl-iskeda tal-pagamenti ppreżentata għal approvazzjoni matul din il-laqgħa. Il-President żied ukoll li, waqt il-festival, ġie mniedi uffiċjalment l-**ALDA Centre of Expertise**, inizjattiva ġdida maħsuba biex tipprovdi appoġġ tekniku, bini tal-kapaċità u assistenza lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, filwaqt li ssaħħaħ il-kollaborazzjoni Ewropea fil-qasam tal-governanza lokali.

**55.6.3 EU Week of Regions and Cities**

Il-President informa lill-membri li, għall-ewwel darba, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser tkun rappreżentata bi **stand uffiċjali** matul il-**European Week of Regions and Cities** fi Brussell. Huwa spjega li din tirrappreżenta opportunità importanti biex Malta turi l-ħidma u l-prattiki tajbin fil-qasam tal-gvern lokali u reġjonali, filwaqt li tissaħħaħ il-preżenza tagħha fuq livell Ewropew. Il-President żied li r-Reġjuni kollha li ser ikunu qed jattendu l-avveniment u li jixtiequ jipparteċipaw jew jesebixxu l-inizjattivi tagħhom mill-istand tal-Assoċjazzjoni huma mistiedna jagħmlu dan, sabiex il-preżenza Maltija tkun waħda magħquda u tirrifletti l-ħidma mwettqa madwar il-pajjiż.

**55.6.4 Smart City World Expo**

Il-President informa lill-membri li l-Assoċjazzjoni kompliet bil-ħidma preparatorja sabiex ikollha **stand ta' informazzjoni** waqt is-**Smart City World Expo** f'Barċellona. Huwa spjega li din l-inizjattiva għandha l-għan li tippromwovi l-ħidma tal-gvern

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

lokali Malti u l-proġetti innovattivi mwettqa mill-kunsilli lokali u r-reġjuni, filwaqt li toħloq opportunitajiet ġodda għal kollaborazzjoni u networking ma' istituzzjonijiet, bliet u reġjuni minn madwar id-dinja. Il-President żied li dawk il-kunsilli lokali u r-reġjuni li ser ikunu qed jattendu l-Expo huma mħeġġa jikkontribwixxu b'materjal promozzjonali jew jipparteċipaw fl-attivitajiet organizzati mill-istand tal-Assoċjazzjoni, sabiex il-parteċipazzjoni Maltija tkun waħda koordinata u rappreżentattiva tas-settur kollu tal-gvern lokali.

**55.6.5 Island Women Lead**

Il-President informa lill-membri li l-proġett **Island Women Lead**, li qed jitwettaq taħt il-proġett **ALDA SEED** u huwa ffinanzjat mill-programm **CERV** tal-Unjoni Ewropea, huwa mistenni li jibda matul il-ġimgħat li ġejjin. Huwa spjega li dan il-proġett għandu l-għan li jsaħħaħ il-parteċipazzjoni u t-tmexxija tan-nisa fil-komunitajiet u fil-gvern lokali, permezz ta' attivitajiet ta' taħriġ, networking u skambju ta' esperjenzi ma' msieħba Ewropej. Il-President żied li aktar dettalji dwar il-programm u l-attivitajiet ippjanati ser jitħabbru lill-membri hekk kif jibdew l-ewwel fażijiet tal-implimentazzjoni tal-proġett.

**55.6.6 Summer Camp tal-MCAST**

Il-President informa lill-membri li l-Assoċjazzjoni, b'kollaborazzjoni mar-**Reġjun tal-Kultura Port**, ser tkun qed tieħu sehem fis-**Summer Camp tal-MCAST**. Huwa spjega li din il-kollaborazzjoni għandha l-għan li tkompli tressaq lill-istudenti u ż-żgħażagħ aktar qrib il-gvern lokali, filwaqt li tipprovdi opportunità biex isiru jafu aħjar ir-rwol tal-kunsilli lokali u tar-reġjuni, kif ukoll l-opportunitajiet li jeżistu fil-qasam tal-parteċipazzjoni ċivika, il-kultura u l-iżvilupp tal-komunità. Il-President żied li din hija inizjattiva oħra li tkompli ssaħħaħ ir-relazzjoni bejn il-gvern lokali u l-istituzzjonijiet edukattivi.

**55.6.7 CEMR Policy Leaders Summit**

Il-President informa lill-membri li l-Assoċjazzjoni kienet rappreżentata waqt il-**CEMR Policy Leaders Summit**, fejn attenda f'isem l-Assoċjazzjoni s-**Sindku Max Zammit**. Huwa spjega li matul is-summit ġew diskussi diversi temi strateġiċi relatati mal-futur tal-gvern lokali u reġjonali fl-Ewropa, filwaqt li l-parteċipazzjoni Maltija serviet biex tkompli ssaħħaħ il-preżenza u r-relazzjonijiet tal-Assoċjazzjoni fi ħdan in-network Ewropew tal-awtoritajiet lokali u reġjonali.

**55.6.8 Renta**

Il-President ippreżenta komunikazzjoni uffiċjali li waslet mingħand id-Direttorat għall-Gvern Lokali, li permezz tagħha ġie infurmat li l-kera mħallsa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Lokali għall-parti mill-uffiċini li tokkupa ser tiġi riveduta u miżjuda. Huwa spjega li din iż-żieda ser ikollha impatt fuq l-ispejjeż amministrattivi tal-Assoċjazzjoni u li l-Kumitat Eżekuttiv ġie mgħarraf b'din il-komunikazzjoni sabiex jieħu nota tal-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha.

**Wara diskussjoni qasira, il-membri qablu unanimament maż-żieda proposta fil-kera kif komunikata mid-Direttorat għall-Gvern Lokali.**

**55.6.9 Allokazzjoni AKL**

Il-President informa lill-membri li l-Ministeru għall-Finanzi laqa' t-talba mressqa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u approva **allokazzjoni addizzjonali ta' €350,000**, sabiex b' hekk ġie rkuprat parti sostanzjali mit-talba ta' €450,000 li kienu tnaqqsu fil-budget u allura t-talba li kienet qed tikkontesta l-Assoċjazzjoni. Huwa spjega li din id-deċiżjoni tirrappreżenta rikonoxximent tal-ħidma u r-responsabbiltajiet dejjem jiżdiedu tal-Assoċjazzjoni, filwaqt li ser tgħin biex jiġu sostnuti l-operat u l-inizjattivi ppjanati. Tenna li nżammet il-wegħda li kienet saret fil-bidu tas-sena li ser naraw li x-xogħol tal-Assoċjazzjoni ma jiġix affettwat għas-sena 2026.

Il-President żied li din l-allokazzjoni addizzjonali ser tibda titħallas flimkien mal-allokazzjoni regolari fuq bażi ta' kull kwart.

**55.6.10 AKL Fixed Account**

Il-President informa lill-membri li l-Assoċjazzjoni kienet ġabret il-kwotazzjonijiet tar-rati tal-imgħax offruti mill-banek kummerċjali fir-rigward ta' kontijiet b'depożitu fiss (fixed deposit accounts). Huwa spjega li, wara l-analiżi tal-offerti riċevuti, il-**BNF Bank** offra rata ta' imgħax ta' **2.5%**, li kienet l-aktar waħda favorevoli għall-Assoċjazzjoni.

Fid-dawl ta' dan, il-President issuġġerixxa li l-Assoċjazzjoni tiftaħ il-kont ta' depożitu fiss mal-BNF Bank. Wara diskussjoni, il-membri qablu unanimament mal-proposta u awtorizzaw lill-amministrazzjoni tiegħu l-passi meħtieġa sabiex jinfetaħ il-kont ta' depożitu fiss mal-BNF Bank.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **55.6.11 Żjara ġewwa ċ-Ċina** | Il-President informa lill-membri li kien irċieva stedina uffiċjali sabiex jattendi żjara fiċ-Ċina. Huwa spjega li, wara li evalwa ċ-ċirkostanzi, iddeċieda li ma jaċċettax l-istedina, prinċipalment minħabba l-ispiża involuta u l-fatt li t-tul tal-vjaġġ kien sproporzjonat meta mqabbel mat-tul relattivament qasir taż-żjara prevista. Il-membri ħadu nota tad-deċiżjoni tal-President. |
| **55.6.12 EMCS -Taħriġ fuq proġetti tal-UE** | Il-President informa lill-membri li s-Segretarju Eżekuttiv attendiet taħriġ organizzat mill-**EMCS** dwar il-programmi u l-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Huwa spjega li dan it-taħriġ kien immirat biex ikompli jsaħħaħ il-kapaċità tal-Assoċjazzjoni fl-identifikazzjoni, l-iżvilupp u l-ġestjoni ta' opportunitajiet ta' finanzjament Ewropew, sabiex ikunu jistgħu jitwasslu aktar inizjattivi u proġetti ta' benefiċċju għas-settur tal-gvern lokali. |
| **55.6.13 Eko-Skola** | Il-President informa lill-membri li d-data taċ-ċerimonja tal-**EkoSkola** ġiet stabbilita għat-**12 ta' Novembru**, wara l-konferma tal-attendenza tal-**President ta' Malta**. Huwa spjega li l-għażla ta' din id-data saret sabiex tkun tista' tiġi akkomodata l-aġenda tal-President ta' Malta u sabiex tingħata l-importanza mistħoqqa lil din iċ-ċerimonja. Il-President żied li **din is-sena ċ-ċerimonja ser issir ġewwa Xara Lodge**, fejn ser jingabru flimkien l-iskejjel parteċipanti, il-kunsilli lokali u l-mistednin uffiċjali sabiex jiġu rikonoxxuti l-kisbiet fil-qasam tal-edukazzjoni ambjentali u s-sostenibbiltà. Il-membri ħadu nota tal-arranġamenti u tad-data stabbilita. |

### 55.7 Komunikazzjoni mill-President

55.7.1 Il-President informa lill-membri li saret laqgħa ma' rappreżentanti ta' **assoċjazzjoni tal-gvern lokali Ukrena** bil-għan li tiġi stabbilita kollaborazzjoni istituzzjonali simili għal dik li l-Assoċjazzjoni diġà għandha mal-**Association of Ukrainian Cities (AUC)**. Huwa spjega li, bħala parti minn dan il-proċess, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għaddiet **abbozz ta' Memorandum of Understanding**. Il-President żied li l-assoċjazzjoni mistennija terġa' lura bl-emendi u l-kummenti meħtieġa sabiex, wara li jintlaħaq qbil bejn iż-żewġ naħat, il-Memorandum ikun jista' jiġi ffirmat uffiċjalment.

55.7.2 Il-President informa lill-membri li l-Assoċjazzjoni rċeviet stedina sabiex tipparteċipa fi proġett iffinanzjat mill-programm **URBACT**, relatat mal-qasam tal-gastronomija u l-iżvilupp territorjali. Huwa spjega li, fid-dawl tal-fatt li **r-Reġjun Għawdex huwa r-Reġjun tal-Gastronomija**, l-Assoċjazzjoni għaddiet il-proposta lir-Reġjun Għawdex sabiex jikkunsidra l-

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

parteċipazzjoni tiegħu bħala l-entità l-aktar adattata biex tmexxi jew tkun involuta f'dan il-proġett. Il-President żied li l-Assoċjazzjoni ser tibqa' disponibbli sabiex tassisti lir-Reġjun Għawdex fil-proċess, jekk dan jiddeċiedi li jipparteċipa. Il-membri ħadu nota ta' din l-inizjattiva.

55.7.3 Il-President informa lill-membri li s-Segretarju Eżekuttiv ġiet magħżula sabiex tipparteċipa fi proġett iffinanzjat mill-programm **Erasmus+**, li ser isir **fl-Iżlanda**. Huwa spjega li din il-parteċipazzjoni ser tipprovdi opportunità ta' tagħlim, skambju ta' esperjenzi u networking ma' parteċipanti minn pajjiżi oħra Ewropej, filwaqt li ser tkompli ssaħħaħ il-kompetenzi tal-Assoċjazzjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali u l-programmi Ewropej. Il-membri ħadu nota ta' din il-parteċipazzjoni u awguraw kull suċċess lis-Segretarju Eżekuttiv.

55.7.4 Il-President informa lill-membri li **nhar is-16 ta' Ġunju** saret iċ-ċerimonja ta' rikonoxximent tar-**Rotta tal-Feniċi.** Huwa spjega l-importanza ta' din l-inizjattiva fil-promozzjoni tal-wirt kulturali u storiku komuni tal-pajjiżi Mediterranji, filwaqt li enfasizza l-valur tagħha fit-tisħiħ tal-kollaborazzjoni internazzjonali u fl-iżvilupp ta' opportunitajiet kulturali u turistiċi għall-komunitajiet lokali.

55.7.5 Il-President informa lill-membri li ser tinżamm laqgħa bejn il-**National Audit Office**, id-**Diviżjoni għall-Gvern Lokali, LESA**, **Loqus** u r-Reġjuni li qajmu tħassib dwar il-**qualified opinion** li ngħatat fil-**Management Letter** tagħhom. Huwa spjega li t-tħassib ewlieni jirrigwarda r-rekwiżiti tal-awdituri relatati mal- audit trail tas-sistema tal-LES. Il-President żied li l-għan tal-laqgħa huwa li l-partijiet kollha jiddiskutu dawn il-kwistjonijiet u jaslu għal soluzzjoni komuni li tindirizza l-osservazzjonijiet tal-awdituri u tipprovdi ċarezza dwar il-proċeduri ta' verifika meħtieġa fil-futur sabiex din l-opinjoni li qed tinxteħet fuq ir-Reġjuni mill-awdituri tkun tista' titneħħa għaliex finalment ir-Reġjuni m' għandhom kompetu lanqas legali li jordnaw dan l-audit huma.

55.7.6 Il-President informa lill-membri li l-proċess relatat mat-twaqqif tat-**Tribunali Lokali** taħt struttura amministrattiva ġdida, separata minn dik tar-Reġjuni, **għadu pendenti**. Huwa spjega li l-implimentazzjoni ta' din il-bidla qed tistenna li jiġu konklużi d-diskussjonijiet peress li kien hemm bdil fil-Ministri responsabbli. Il-President żied li l-Assoċjazzjoni ser tkompli ssegwi mill-qrib dan il-proċess u tinforma lill-membri b'kull żvilupp hekk kif tittieħed deċiżjoni finali.

55.7.7 Il-President informa lill-membri li saret laqgħa ma' rappreżentanti tar-**Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea fi Brussell**. Il-President żied li din il-kollaborazzjoni tkompli ssaħħaħ ir-relazzjoni bejn l-Assoċjazzjoni u r-Rappreżentanza Permanenti, bil-għan li jiġu promossi aħjar l-interessi tal-gvern lokali Malti fil-livell Ewropew.

55.7.8 Il-President fakkar lill-membri li għad trid tiġi stabbilita data ġdida għall-**workshop dwar il-MFF,** maħsub għas-Sindki u l-Kunsilliera Lokali. Huwa spjega li dan il-workshop kellu jiġi pospost minħabba l-Elezzjoni Ġenerali u li l-Assoċjazzjoni qed taħdem sabiex tidentifika

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

data alternattiva biex l-attività tkun tista' ssir mal-ewwel opportunità. Il-membri ħadu nota ta' dan l-aġġornament.

55.7.9 Il-President informa lill-membri li **s-Sur Kevin Cauchi**, Sindku Għajnsielem li jservi wkoll bħala **membru sostitut tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (Committee of the Regions)**, ġie maħtur mill-CoR bħala **rapporteur** għall-opinjoni dwar l-**Istrateġija Ewropea għall-Portijiet**. Il-President żied li, b'appoġġ għall-ħidma tar-rapporteur, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ppreparat u ppreżentat il-kontribut tagħha **f'isem id-Delegazzjoni Maltija fil-Kumitat tar-Reġjuni**, permezz tat-tnedija ta' **position paper** li jressaq il-perspettiva Maltija u l-prijoritajiet tal-gvern lokali fir-rigward tal-Istrateġija Ewropea għall-Portijiet

55.7.10 Il-President informa lill-membri li bħalissa għaddej il-proċess ta' tħejjija tal-abbozz tal-**Patt għall-Paċi fil-Mediterran**, bħala segwitu għall-proġett internazzjonali li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet ipparteċipat fih **sena ilu f'Caltagirone, l-Italja**. Huwa spjega li dan il-patt huwa maħsub biex jippromwovi l-kollaborazzjoni, id-djalogu u l-paċi bejn il-komunitajiet u l-awtoritajiet lokali fil-pajjiżi Mediterranji, filwaqt li jsaħħaħ il-kooperazzjoni fuq temi ta' interess komuni. **Il-President** żied li l-Assoċjazzjoni ser tkompli tagħti l-kontribut tagħha fil-finalizzazzjoni ta' dan id-dokument. **Il-membri** ħadu nota tal-aġġornament.

55.7.11 Il-President informa lill-membri li l-Assoċjazzjoni akkwistat il-liċenzja tas-sistema **Indigo** ta' **Shireburn** sabiex il-proċess tal-ipproċessar tas-salarji jkun jista' jsir permezz ta' sistema integrata u aktar effiċjenti. Huwa spjega li din is-sistema ser tkun integrata wkoll mas-sistema tal-**access control**, sabiex l-attendenza tal-impjegati tkun marbuta direttament mal-proċess tal-pagi.
Il-President żied li ġie akkwistat ukoll il-**Hiring Module**, bil-għan li jissaħħaħ il-proċess tar-riżorsi umani u li l-funzjonijiet relatati mar-reklutaġġ, il-ġestjoni tal-impjegati u l-amministrazzjoni tal-HR jiġu integrati fi pjattaforma waħda. Huwa enfasizza li din l-investiment ser jikkontribwixxi għal aktar effiċjenza, awtomazzjoni u modernizzazzjoni tal-proċessi amministrattivi tal-Assoċjazzjoni. **Il-membri ħadu nota tal-aġġornament**.

55.7.12 Il-President informa lill-membri **li** bħalissa hemm **ħames postijiet vakanti** fi ħdan l-Assoċjazzjoni u li beda l-proċess ta' reklutaġġ sabiex dawn jimtlew. Huwa spjega li dawn jinkludu **post part-time fuq Skala 15**, li nħoloq wara r-riżenja ta' impjegat, **post ta' Administrative Officer I, post ta' Administrative Officer II**, kif ukoll **żewġ postijiet ta' Uffiċjali Maniġerjali fuq Skala 7**. Il-President żied li l-proċess ta' reklutaġġ qed jimxi skont il-proċeduri stabbiliti, bil-għan li dawn il-vakanzi jimtlew fl-iqsar żmien possibbli sabiex tkompli tissaħħaħ il-kapaċità operattiva tal-Assoċjazzjoni.

55.7.13 Il-President informa lill-membri li l-**Laqgħa Plenarja tal-Assoċjazzjoni** ser issir **nhar is-27 ta' Ġunju**. Huwa spjega li l-aġenda ser tinkludi numru ta' suġġetti ta' importanza strateġika li jolqtu l-andament u l-futur tal-gvern lokali, kif ukoll diversi materji relatati mal-operat u l-ħidma tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-President żied li l-Laqgħa Plenarja ser isservi

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

bħala opportunità sabiex il-membri jiġu aġġornati dwar l-iżviluppi ewlenin fis-settur u sabiex jiġu diskussi l-prijoritajiet u l-inizjattivi li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tmexxi matul il-perjodu li ġej. Fir-rigward tal-Laqgħa Plenarja, il-membri qablu unanimament li **għal din il-laqgħa jiġu mistiedna biss il-membri eletti** tal-Assoċjazzjoni.

55.7.14 Il-President informa lill-membri li bħalissa l-Assoċjazzjoni qed tiffaċċja sitwazzjoni sensittiva relatata ma' impjegat assenjat mal-Assoċjazzjoni permezz ta' skema. Huwa spjega li l-każ għadu qed jiġi evalwat u li bħalissa għaddejjin diskussjonijiet interni, konsultazzjonijiet legali u laqgħat ma' professjonisti sabiex jiġu eżaminati l-aspetti kollha tal-każ qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni.

Il-President informa wkoll lill-membri li seħħ inċident li involva vettura leased użata mill-istess impjegat, li minnu rriżultaw spejjeż sostanzjali. Huwa spjega li bħalissa għaddejja komunikazzjoni kemm mal-kuntrattur responsabbli mill-vettura kif ukoll mas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru li kien assenja lill-impjegat mal-Assoċjazzjoni, sabiex il-każ jiġi indirizzat u jiġu stabbiliti r-responsabbiltajiet u l-passi li għandhom jittieħdu. Il-membri ħadu nota tal-aġġornament u qablu li l-każ għandu jibqa' jiġi segwit b'kawtela sakemm jintemmu l-proċessi pendenti.

**55.8 Aġġornament**

55.8.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 21 ta' Lulju 2026 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**